PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

**2011/2069(INI)**

13.7.2012

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2010-2011) (2011/2069(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Adina-Ioana Vălean

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2011 mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali (COM(2012)169(finali)),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Parlament dwar ir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE – Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE[1] ,

– billi kważi terz tal-petizzjonijiet irċevuti mill-Parlament jirreferu għal allegati ksur ta' drittijiet fundamentali li hemm referenza għalihom fil-Karta,

**Ġenerali**

1. Jirriafferma, f'dan il-kuntest, li l-UE u l-istituzzjonijiet tagħha għandhom id-dmir, u r-responsabilità li jirrispettaw, jiggarantixxu, jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet fundamentali, il-libertajiet ċivili u l-prinċipji u l-valuri Ewropej li huma inaljenabbli taċ-ċittadini Ewropej fl-UE, fuq il-bażi tal-Karta u tal-Artikoli 2, 6, 7 u 9-12 TFUE, partikolarment f'każijiet fejn dawn id-drittijiet u libertajiet mhumiex iggarantiti b'mod effettiv u xieraq fil-livell nazzjonali; jinsisti li l-Artikolu 51 tal-Karta m'għandux jintuża biex inaqqas l-importanza tal-Karta u tal-applikazzjoni tagħha, u jenfasizza li dan l-artikolu ma jħassarx ir-rwol u l-poteri li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom fir-rigward tal-protezzjoni, id-dfiża u l-promozzjoni tal-valuri fundamentali Ewropej – bħar-rispett għad-dinjità u l-libertà tal-bniedem – u tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-paċi, iċ-ċittadinanza, l-ugwaljanza bejn is-sessi u n-non-diskriminazzjoni;

2. Ifakkar fid-dmir u r-responsabilità tal-Parlament fir-rigward taċ-ċittadini u r-residenti Ewropej, li jiddefendi u jippromwovi l-interessi tagħhom. Din ir-rabta bejn il-Parlament u ċ-ċittadini hi riflessa fil-proċess tal-petizzjonijiet, stabbilit bit-Trattat skont l-Artikolu 227, li joħoloq obbligu li jiġu mfittxija rimedji non-ġudizzjarji f'isem il-petizzjonanti, fejn xieraq u bbażati fuq il-fatti ta' kull każ, sabiex jassistu liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili tagħhom, u sabiex jassiguraw li l-valuri u l-prinċipji inklużi fil-Karta u fit-Trattati jiġu applikati b'mod xieraq fl-Unjoni Ewropea u f'kull wieħed mill-Istati Membri;

3. Jistieden lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom sabiex jipproteġu d-drittijiet fundamentali u l-libertajiet ċivili taċ-ċittadini tagħhom, jimmodifikaw jew iħassru dawk it-termini li jillimitaw id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jonoraw l-impenn tagħhom u l-obbligi sussegwenti magħmula skont it-termini tat-Trattat ta' Lisbona[2] sabiex l-UE tkun tista' tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'hekk tagħlaq il-lakuni fil-protezzjoni legali billi tagħti liċ-

[1] Testi adottati, P7_TA(2012)0120.
[2] TUE, Artikolu 6§2.

ċittadini Ewropej l-istess drittijiet fir-rigward tal-atti tal-Unjoni li preżentement igawdu fir-rigward tal-Istati Membri tal-Unjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, il-bżonn għal informazzjoni ċara rigward l-ambitu u l-applikabilità tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-Karta, sabiex tiġi evitata l-konfużjoni fost iċ-ċittadini dwar min għandhom jindirizzaw f'sitwazzjoni partikolari ta' allegat ksur ta' drittijiet fundamentali;

4. Jenfasizza r-rabta soda bejn id-drittijiet inerenti għaċ-ċittadinanza tal-UE u dawk minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE applikabbli mal-persuni kollha fit-territorju tal-UE;

**Kwistjonijiet speċifiċi**

5. Jitlob lill-Kunsill jirrispetta l-impjeni tiegħu fir-rigward tad-drittijiet fundamentali, jiżblokka b'urġenza l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-ġeneru, reliġjon, kultura, lingwa, edukazzjoni, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali; enfasizza f'dan il-kuntest id-drittijiet tal-gruppi ta' persuni l-iktar vulnerabbli, jiġifieri, it-tfal, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tal-integrità personali tagħhom u fil-kuntest ta' tilwim dwar kustodja transkonfinali u drittijiet ta' viżitazzjoni tal-ġenituri, persuni b'diżabilità kif ukoll l-anzjani u l-minoranzi etniċi;

6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tad-direttiva dwar it-trattament ugwali bejn il-persuni, li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità[1], kif ukoll tal-leġiżlazzjoni partikolari dwar it-trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel[2];

7. Jiddeplora ċ-ċirkostanzi ta' diskriminazzjoni kontra minoranzi, abbażi tal-prinċipju tal-invjolabilità tad-dinjità umana, u jistieden lill-Kunsill jaġixxi b'mod effettiv u responsabbli u jippromwovi l-valuri tal-Unjoni fir-rigward tal-Istati Membri li jonqsu milli jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligi tat-Trattati dwar kwistjonijiet bħal dawn;

8. Jiġbed l-attenzjoni għan-numru ta' petizzjonijiet li jikkonċernaw r-restrizzjonijiet dwar il-libertà tal-midja, u jitlob lill-Kummissjoni tagħti lill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) rwol ta' monitoraġġ u studju tal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u sabiex tassigura li jiġu applikati standards komuni għall-pluraliżmu fil-midja u l-libertà fil-midja, kif ukoll biex tissorvelja is-sitwazzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri, b'rapporti annwali dwar is-sejbiet tagħha; jirrikjedi, b'konsegwenza, li jiġi allokat finanzjament adegwat għall-FRA biex twettaq dawn il-kompiti; jilqa' r-rapport fuq inizjattiva proprja tal-Parlament dwar it-tfassil ta' standards għal-libertà tal-midja madwar l-UE, li jista' jwassal għal reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jissuġġerixxi l-amalgamazzjoni bejn l-FRA u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi. jew li jinħoloq qafas legali li jipprovdi kooperazzjoni u koordinament mill-qrib bejn dawn iż-żewġ aġaenziji, sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv il-ksur tad-drittijiet li

[1] Id-Direttiva ‖ 2000/43/KE ‖ li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità;
[2] Id-Direttiva 2004/113/KE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi; Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol.

huma ggarantiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tassigura b'urġenza li l-Istati Membri jittrasponu u japplikaw korrettement id-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment ħieles taċ-ċittadini, minħabba r-ripetizzjoni frekwenti ta' petizzjonijiet dwar is-suġġett tal-problemi li jiltaqgħu magħhom;

10. Ifakkar li l-portabilità tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali, tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u ta' krediti akkademiċi huma kwistjonijiet importanti li jistgħu jassiguraw it-twettiq sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tal-libertajiet ċivili tagħhom, inkluż fuq il-bażi tat-tkomplija tas-suq intern, iżda jinnota li diversi ċittadini xorta jiltaqgħu ma' problemi biex jaffermaw dawn id-drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, biex jassiguraw li dawn id-drittijiet jiġu rrispettati, applikati u żviluppati b'mod xieraq;

11. Jenfasizza li r-rwol tal-Kummissjoni bħala gwardjan tat-trattati mhux limitat biex jassigura li l-leġiżlazzjoni tkun trasposta mill-Istati Membri iżda jestendi wkoll għall-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġijiet, b'mod partikolari bil-ħsieb li jkunu protetti d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, jiġbed l-attenzjoni għall-vakwu legali fir-rigward tal-aċċess taċ-ċittadini għal rimedju legali meta l-Istati Membri ma jkunux ittrasponew, jew ikunu ttrasponew tard, leġiżlazzjoni tal-UE li tikkonċernahom direttament;

12. Jissuġġerixxi li r-Rapport Annwali tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandu jinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri, iniedi l-proposta għall-Parlament biex jorganizza konferenza annwali, ospitata b'mod konġunt bejn il-Kumitati għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u għall-Petizzjonijiet, bil-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u persuni oħra li għandhom interess f'dan il-qasam;

13. Jilqa' l-politika tal-Kummissjoni li tipprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni konkreta dwar id-drittijiet tagħhom u l-azzjonijiet li jistgħu jieħdu għal rimedju legali f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, jinnota li aktar konsistenza u koordinament fix-xogħol u l-preżentazzjoni pubblika tal-għodod ta' komunikazzjoni differenti tal-Kummissjoni huma kruċjali biex din l-informazzjoni ssir aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini; jenfasizza fl-istess ħin li dan ma jeżonerax lill-Kummissjoni mid-dmir istituzzjonali tagħha li tanalizza l-ilmenti taċ-ċittadini fir-rigward ta' vjolazzjonijiet possibbli ta' drittijiet fundamentali mhux biss mill-UE u mill-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-liġi tal-UE, iżda wkoll fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' nuqqas sistematiku fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni żżomm sħiħ mar-rwol tagħha li tiddefendi l-ordni ġuridiku Ewropew ibbażat fuq id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali u li tressaq dawn is-sitwazzjonijiet għall-attenzjoni tal-Istati Membri kkonċernati; jikkunsidra li l-Parlament Ewropew, li għandu qasam ta' attività politika ferm aktar wiesgħa, għandu jkun espliċitu maċ-ċittadini u r-residenti kollha tal-UE u jinfurmahom bl-azzjonijiet li qiegħed jieħu biex jissalvagwardja u jiddefendi d-drittijiet fundamentali tagħhom; Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali bl-għan li ssaħħaħ il-mandat u l-poteri tagħha, kif ukoll l-indipendenza tagħha.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 12.7.2012 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 0<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Margrete Auken, Victor Boştinaru, Philippe Boulland, Giles Chichester, Nikolaos Chountis, Iliana Malinova Iotova, Carlos José Iturgaiz Angulo, Lena Kolarska-Bobińska, Erminia Mazzoni, Willy Meyer, Chrysoula Paliadeli, Nikolaos Salavrakos, Jarosław Leszek Wałęsa, Rainer Wieland |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zoltán Bagó, Birgit Collin-Langen, Axel Voss |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ioan Enciu, Petru Constantin Luhan, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Franck Proust, Renate Sommer, Hermann Winkler |